MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2011

Numru 345/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR JEFFREY CILIA U**
**SPETTUR FABIAN FLERI**
**VS**
**REDENT MUSCAT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Redent Muscat ta' 23 sena, iben Joseph u Susan nee' Schembri, imwieled Pieta', nhar l-14 ta' Settembru 1987, detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 413587M u residenti gewwa 67, Fuq Verdala, Bormla.

Illi hU akkuzat talli bejn l-24 ta' Novembru 2010 u l-20 ta' Dicembru 2010 gewwa Bormla u fi bnadi ohra gewwa dawn il-gzejjer, xjentament xtara jew laqa' ghandu oggett misruq u cioe' pappagal li l-valur tieghu ma jeccedix il-2329.4 Euro (LM1000), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew

xjentament, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghu jew imexxieh.

U aktar talli fl-20 ta' Dicembru 2010 u fis-snin ta' qabel din id-data gewwa Bormla u gewwa dawn il-gzejjer kellu fil-pussess tieghu arma u/jew imitazzjoni ta' arma u cioe *air pistol* tal-marka Gamo bin-numru tas-serje 138099 minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (fol 4) u dak ta' l-imputat (a fol 8) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;
Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lil imputat Redent Muscat hati skond l-akkuza u wara li rat Artiklu 334 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artiklu 5 u 51 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ihallas multa ta' mitejn (200) Ewro li ghandha tithallas b'rati mensili fi zmien sitt (6) xhur, waqt illi tqieghed lil imputat fuq Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. Il-Qorti tordna l-konfiska u distruzzjoni tal-arma elevata.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet inkonsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-kooperazzjoni tieghu mal-prosekuzzjoni, il-fatt illi r-res furtive giet riturnata lil sidha, l-eta' govanili tal-imputat u l-fedina perali tieghu.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------